# *REVOLVING DOOR*

Is-sur Gejt kien għadu qed jasal Ruma. Issa li kien qiegħed bil-qiegħda fuq is-sodda, f'kamartu fir-raba' sular tal-*Hôtel Internationale*, ħass l-għeja kollha tal-vjaġġ taqa' fuqu. Bil-ħwejjeġ u biż-żarbun kif kien, imtedd għal tulu, iħares lejn is-saqaf. Kellux jiġi Ruma! Kemm kien ilu jgħid li jrid jasal wasla biex jara l-San Pietru u l-knejjes l-oħra ta' Ruma. Ix-xogħlijiet ta' l-arti tal-*Galleria Vaticana* kien ilu jaqra fuqhom għomor. Imma kif jiġi? Kull xitwa kien igħid li għas-sajf jiġi; fis-sajf tinqalagħlu biċċa xogħol—jaqtagħha li jiġi fix-xitwa u la tasal ix-xitwa jerġa' jħalliha għas-sajf ta' wara. Imma din id-darba xejn ma seta' jfixklu li ma jiġix: għalaq l-uffiċċju (għax hu kien perit) u telaq. Issa kien qiegħed Ruma, u f'dik il-kamra, mimdud kif kien fuq is-sodda, is-sur Gejt bilkemm ried jemmen li dan kien tassew.

Qam minn fuq is-sodda, dar dawra mal-kamra, fetaħ kemm-il kexxun sab, xegħel u reġa' tefa xi darbtejn—kollox sew. Ipprova l-vit tal-ilma, u wara ftit taħbit, beda ħiereġ ilma frisk igħaxxaq. Dak l-ilma donnu kien qiegħed ineħħilu l-għeja kollha lis-sur Gejt. Inħasel u rranġa biex joħroġ—l-ewwel lejla f'Ruma. Il-*lift operator* sellimlu u s-sur Gejt ħassu kburi; il-porter tbissimlu kif ħadlu ċ-ċavetta minn idu u s-sur Gejt ħassu iktar kburi.

Il-bibien tal-*Hôtel Internationale* huma kollha *revolving doors* u bħal dawk is-sur Gejt ma kien ippratka qatt Malta. Mar biex igħaddi minn wieħed minnhom, dawru bil-maqlub, u nqabad ġo fih. Is-sur Gejt dak il-ħin ħassu nfern; l-għajnejn tal-*porter* kollhom żuffjett, ħasshom imsammrin f'daru. Ma damx hekk. Daħlet minn barra daqsxejn ta' tfajla, dawret il-bieb u s-sur Gejt, li dik il-lejla kien biħsiebu joħroġ għall-ewwel darba f'Ruma, sab ruħu mill-ġdid ġewwa. Dak ix-xjaten ta' bieb! Ma ssograx jarġa' joħroġ, dawwar wiċċu u telaq lejn il-*lounge*.

Is-sinjorina li kienet ħelset lis-sur Gejt minn dik il-biċċa, daħlet fil-*lounge* ukoll. Twila u misluta, kienet waħda minn dawk li jidhru l-isbaħ jekk tarahom mill-ġenb. Kull min kien hemm ġew tefa' għajnejh fuqha. Poġġiet, weħidha, ftit imbiegħda mis-sur Gejt, u dan biex jibda jgħid xi ħaġa:

"*Mille scuse, signorina*" qalilha.

L-oħra ħarset lejh u xenglet rasha.

Is-sur Gejt skanta.

"*Non parla l'italiano la signorina*", qaltlu oħra, "*è Unghe-rese.*"

Bl-Ungeriż is-sur Gejt ma kienx jaf; bil-Ġermaniż l-anqas; ġieh f'moħħu l-Ingliż. Kellimha bl-Ingliż, sab li kienet fehmitu. Komplew jitħaddtu flimkien.

...Le, ma kienx ilha ħafna Ruma, xi erbat ijiem. Kienet għadha kemm waslet minn Pariġi. Iva weħidha, kienet qiegħdha tagħmel dawra ma' l-Ewropa. Ma kenitx sa ddum ħafna Ruma, sat-tlieta u għoxrin tax-xahar. Minn Ruma? Għal Vienna...

Dak in-nhar filgħaxija l-wejter li kien jaqdi lis-sinjorina Ungeriża ħass moħħu mistrieħ. Issa kien ikun jaf xi trid għax kien hemm sinjur magħha li kien ifiehmu kollox bit-Taljan.

Is-sur Gejt dam ħafna jitqalleb bla ma seta' jagħlaq għajnejh. Mhix ħaġa ħafifa, għajjien kemm tkun għajjien, li torqod f'kamra barra minn darek, f'belt kbira, l-ewwel darba. Nokklu isfar żgħir u par għajnejn kbar koħol ma setgħu jmorru qatt minn quddiem għajnejh.

Kif ħareġ mill-*lift* l-għada filgħodu, sab lis-sinjorina Ungeriża tistennieh. Ħadu l-*breakfast* u ħarġu flimkien. Dak il-bieb! Il lum ma ttanta xejn. It-toroq ta' Ruma kollha trammijiet, l-egħjun itajru l-ilma f'nofs il-pjazez — kollox għoġbu lis-sur Gejt. Hu ħsiebu dejjem lejn in-naħa tal-lemin; minn hemm kien iħoss ġejja bħal mewġa ta' enerġija—żiffa ħafifa kollha fwieħa.

L-Upim—Is-sur Gejt kien ra ħwienet hawn, imma bħal dak, qatt. Tfajliet fuq tagħhom bl-uniformi blu u frillijiet bojod, ġeġwiġija ta' nies, min dieħel u min ħiereġ. Ma darx bi ftit hemm ġew is-sur Gejt, għax is sinjorina Ungeriża riedet tixtri ħafna affarijiet u hu kellu bis-sabar joqgħod jagħmilha ta' interptu. Wara nofs in-nhar, San Pietru. Is-sur Gejt li kien ilu tant joħlom b'San Pietru ma ħass xejn ġdid kif kien riesaq lejn il-kolonni kbar. Iktar kienet togħġbu dik iż-żiffa mfewħa u l-leħen irqiq minn naħa tal-lemin. L-Ungeriża kienet Protestanta. Kif waslet fil-bieb, uffiċjal reġġagħha lura—bil-kmiem imqaċċtin mill-minkeb 'il fuq ġo San Pietru ma tidħolx. Is-sur Gejt qagħad jaħsibha ftit. Ma daħlitx hi? Lanqas jidħol hu; tħalliha weħidha ma jaqbilx.

Fil-għaxija l-porter tah ittra lis-sur Gejt. Kienet minn għand tad-dar. Mhux għax kellu qalb iweġibhom, imma fiż-żewġ versi li kitbilhom, fissrilhom kif dak in-nhar kien ra 'l San Pietru u ma stagħġbilhomx bi ftit bil-għerf u bis-sengħa ta' Michelangelo Buonarotti.

Ħmistax f'Ruma, bi flus fil-but kemm trid u mara sabiħa miegħek ma jdumux ma jgħaddu. Fil-għodu s-sur Gejt u l-Ungeriża kienu jgħadduha jduru l-inħawi sbieħ ta' Ruma. Marru jaraw il-pittura msemmija tal-Galleria Vaticana iktar minn darba u tnejn u dan l-aħħar kienu waslu wkoll sa Frascati. Madankollu lis-sur Gejt kien jogħġbu iktar fil-għaxija: dawk

in-nies kollha, jduru jduru fid-dawl ikħal ċar tas-sala taż-żfin tal-*Hôtel Internationale.* U hu wkoll idur, idur bħalhom, l-Ungeriża fi ħdanu. Dawrien, il-ħajja mhix ħlief dawra ħafifa.

Fit-tlieta u għoxrin tax-xahar, is-sur Gejt niżel bħas-soltu (għax aktarx hu kien ikun dejjem l-ewwel) jistennieha fil-*lounge.* Ħares lejn l-arloġġ xi darbtejn—deherlu li ddawret iżjed mis-soltu. Qabbad sigarru, ħallieh kien għadu ma pejjipx nofsu. Qabad gazzetta—il-gazzetti qatt ma jkun fihom xejn. Ħareġ fejn il-porter, ta daqqa t'għajn lejn il-*board* biex jara ċ-ċavetta tagħha kenitx hemm. Le, fin-numru 71 ma kien hemm xejn—l-Ungeriża kienet għadha fuq. Qagħad iħares lejn il-bieb—ah dak il-bieb!—u raħ idur idur, min dieħel, min ħiereġ, min ferħan u min xort'oħra. L-Ungeriża tfaċċat fl-aħħar min-naħa tal-*lift,* u magħha raġel mogħla hawn. Resqu lejh, hi introduċiethom u s-sur Gejt baqa' bħal miblugħ.

"*O yes*" qallu l-ieħor u taptaplu fuq spalltu "*I know you quite well; my wife has told me all about you; and, by the way, thanks awfully for being so friendly to her. I hope you will come with us to the station; we are leaving to-day for Vienna.*"

Is-sur Gejt mar magħhom; mhux għax kien jaf fejn sejjer jew xinhu jagħmel. Mur obsor—miżżewġa! Mara sabiħa bħal dik, u wara li kien draha daqshekk—miżżewġa. Mur obsor!

Fl-istazzjon, is-sur Gejt ma jiftakar li ra xejn dak in-nhar ħlief lid-*direttissimo* ħierġa taqta' 'l barra u żewġ idejn fil-bogħod ixejrulu...

A. Calleja
(Student tal-Letteratura)